

Għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni

(2021/C 75/04)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta' għajjnuna mill-Istat li ġejja:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni	25 ta' Novembru 2020
Każ Nru	85853
Deċiżjoni Nru	137/20/COL
Stat tal-EFTA	In-Norveġja
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju)	Skema ta' kumpens b'rabta mal-COVID-19 għall-operaturi ta' linji regolari tat-trasport bix-xarabank jew bil-vapur tal-passiġġieri li jaħdmu fis-sena kollha, għal skopijiet kummerċjali u fuq distanza twila
Bażi ġuridika	Ir-regolament dwar skema ta' kumpens temporanja għall-operaturi ta' rotot kummerċjali għall-passiġġieri bil-karozzi tal-linja u bil-vapuri b'telf fil-fatturat ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19
Tip ta' miżura	Skema
Objettiv	Kumpens għat-telf imġarrab mit-tifqigħa tal-COVID-19 u minħabba l-miżuri ta' kontroll tal-infezzjonijiet implimentati mill-awtoritajiet Norveġiżi, biex it-trasport kummerċjali tal-passiġġieri bil-karozzi tal-linja u bil-vapuri matul is-sena kollha, li ma jirċevix kumpens minn awtoritajiet lokali jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn għal obbligi ta' servizzi pubbliċi, jitkompla
Forma tal-għajjnuna	Għotjiet diretti
Baġit	NOK 100 miljun
Intensità	80 % Ġunju, 60 % Lulju u Awwissu
Tul ta' żmien	1.6.2020 – 31.8.2020
Setturi ekonomiċi	Trasport bl-art u bil-baħar
Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti	Id-Direttorat Norveġiż tal-Ferroviji Jernbanedirektoratet Postboks 16 Sentrum N-0101 Oslo IN-NORVEĠJA

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: <http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/>